

Brussell, 16 ta' April 2025
(OR. en)

8141/25
ADD 1

MI 224
ETS 10
COMPET 271
VETER 44
DELECT 42

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' April 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 2128 final - ANNEX
Suġġett:	ANNESS tad- Direttiva Delegata tal-Kummissjoni li temenda d-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti minimi ta' taħriġ għall-professjoni ta' kirurgu veterinarju

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2025) 2128 final - ANNEX.

Mehmuż: C(2025) 2128 final - ANNEX



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.4.2025
C(2025) 2128 final

ANNEX

ANNEX

tad-

Direttiva Delegata tal-Kummissjoni

**li temenda d-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-
rekwiżiti minimi ta' taħriġ għall-professjoni ta' kirurgu veterinarju**

ANNEX

fl-Anness V,

il-Punt 5.4.1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“5.4.1 Programm ta' studju għall-kirurgi veterinarji

Il-programm ta' studji li jwassal għall-provi ta' kwalifiki formali fil-mediċina veterinarja għandu jinkludi mill-inqas is-suġġetti li ġejjin.

It-tagħlim f'suġġett wieħed jew aktar minn dawn jista' jingħata bħala parti, jew flimkien ma' korsijiet oħra.

A.

Suġġetti bażiċi

- Il-fiżika
- Il-kimika
- Il-bijoloġija tal-annimali u taċ-ċelloli
- Il-bijoloġija tal-pjanti
- Il-bijomatematika

B.

Suġġetti speċifiċi

a. Ix-xjenzi bażiċi:

- L-anatomija (inklużi l-istoloġija u l-embrijoloġija)
- Il-fiżjoloġija
- Il-bijokimika
- Il-ġenetika u l-ġenetika molekulari
- Il-farmaċija, il-farmakoloġija, u l-farmakoterapija (inkluża r-reżistenza antimikrobika)
- It-tossikoloġija
- Il-mikrobijoloġija
- l-immunoloġija
- L-epidemjoloġija
- L-etika professjonali

b. Ix-xjenzi kliniċi:

- L-ostetriċja
- Il-patoloġija (inkluża l-anatomija patoloġika)
- il-parasitoloġija
- Il-mediċina u l-kirurġija kliniċi (inkluża l-anestetika)
- Il-lezzjonijiet kliniċi dwar id-diversi annimali domestiċi, pollam, u speċijiet oħrajn ta' annimali
- Il-mediċina preventiva

- Id-dijanostika permezz tal-immaġnijiet
- Ir-riproduzzjoni u l-problemi fir-riproduzzjoni
- Il-mediċina veterinarja tal-istat u s-saħħa pubblika
- Il-leġiżlazzjoni veterinarja u l-mediċina veterinarja forensika
- It-terapewtika
- Il-propedewtika

c. Il-produzzjoni tal-annimali

- Il-produzzjoni tal-annimali
- In-nutrizzjoni tal-annimali
- L-agronomija
- L-ekonomija rurali
- It-trobbija tal-annimali u l-ġestjoni tas-saħħa tal-merħliet
- L-iġjene veterinarja
- Il-benesseri, l-etoloġija, u l-protezzjoni tal-annimali

d. L-iġjene tal-ikel

- L-ispezzjoni u l-kontroll tal-għalf tal-annimali u tal-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali
- L-iġjene tal-ikel, it-teknoloġija, u l-mikrobijoloġija tal-ikel
- Ix-xogħol prattiku (inkluż xogħol prattiku f'postijiet fejn issir il-qatla u fejn jiġu pproċessati l-oġġetti tal-ikel)

It-taħriġ prattiku jista' jkun fil-forma ta' perjodu ta' taħriġ, kemm-il darba t-taħriġ ikun full-time u taħt il-kontroll dirett tal-awtorità kompetenti, u ma jaqbiżx 6 xhur fil-perjodu aggregat tat-taħriġ ta' 5 snin studju.

It-tqassim tat-taħriġ teoretiku u ta' dak prattiku fost il-gruppi differenti tas-suġġetti għandu jkun bilanċjat u kkoordinat b'tali mod li l-għarfien u l-esperjenza jkunu jistgħu jinkisbu b'mod li lill-kirurgi veterinarji jippermettilhom iwettqu d-dmirijiet kollha tagħhom.